# Xogħol ta' Giuseppe Calì fil-Knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema

Mario Fenech

Hekk kif wieħed jidħol mill-bieb il-kbir tal-Knisja tas-Sacro Cuor jilmaħ quddiemu xena mill-isbaħ ta' diversi opri sagri li saru b'tant ħeġġa u mħabba lejn is-Sultana Tagħna matul is-snin.



Il-lapida li tfakkar lil Giuseppe Calì

Fost dawn l-opri tolqot l-għajn l-Arzella ta' fuq l-Artal Maġġur fid-daħla tal-Kor li hija xogħol tal-artist magħruf Giuseppe Calì. F'dan ix-xogħol tiegħu Calì b'tant kapaċità kien kapaċi jinkludi allegorija sħiħa ta' personaġġi, simboli u ġrajjiet importanti fl-istorja tal-Knisja.

Fiċ-ċentru tax-xena l-figura tal-Immakulata Kunċizzjoni bilwieqfa bi ħwejjeġ imtajrin b'idejha ma' xulxin u b'qamar kbir taħt riġlejha. L-isfel taħt il-qamar il-karru meqlub qiegħed jgħaffeġ raġel mixħut wiċċu 'l isfel fl-art. Din il-figura hija x-xempju tal-ereżija.

Jittajru fuq sħaba bajdanija numru t'anġli żgħar li flimkien qegħdin jagħtu ġieħ lil din il-Mara Bla Tebgħa tad-Dnub rebbieħa fuq il-qawwa tal-ħażen.

Ftit 'il fuq fix-xena fuq in-naħa tal-lemin, anġlu kbir qiegħed jittajjar filwaqt li qiegħed iħares b'attenzjoni lejn l-Immakulata u jżomm f'idu Knisja. Din il-Knisja f'idejn l-anġlu, l-artist pinġieha bħala simbolu li din hija Omm il-Knisja.



Fuq in-naħa tax-xellug tidher il-figura ta' Beatu Giovanni Duns Skotu Franġiskan li tant ħadem favur id-Domma tal-Immakulata, għarkupptejh qiegħed jagħti qima lill-Madonna. L-Ordni Franġiskan kien minn dejjem fuq quddiem biex jiddefendi t-teżi li l-Madonna tnisslet mingħajr l-ebda tebgħa tad-Dnub.

Żewġ anġli żgħar oħra jidhru qegħdin iżommu standard bl-istemma tal-Franġiskani fuqu. Anġlu żgħir ieħor f'art quddiem il-figura ta' San Franġisk jidher qiegħed iżomm f'idejh scroll li fuqu miktuba d-Domma tal-Immakulata.

Fit-tarf l-ieħor tax-xena fuq in-naħa tal-lemin hemm il-Papa Piju IX li huwa magħruf bħala l-Papa tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Biex dan il-messaġġ jitwassal b'tant espressività lil kull min ikun qiegħed iħares lejn din ix-xena, Calì pinġa l-figura t'anġlu qiegħed jittajjar biswit il-karru maqlub tat-tagħlim qarrieq filwaqt li qiegħed iħares lejn is-Simboli tal-Evanġelisti li huma l-messaġġiera tat-tagħlim it-tajjeb. Dan ix-xogħol Calì għamlu direttament fuq il-ħajt u kien dam jagħmlu ftit ġranet biss kif kien magħruf għall-ħeffa li kellu fix-xogħol tiegħu.

Ix-xogħlijiet ta' dan l-artist ċelebri li naraw fl-istess Knisja fuq l-artali tal-ġnub huma mpinġija fuq it-tila u Calì pinġiehom f'dar fi Triq Santa Marija kantuniera biss 'il bogħod mill-Knisja kif tixhed plakka tal-irħam li hemm mal-faċċata ta' dan il-post.

Kienu bil-wisq għaqlin il-Patrijiet Franġiskani ta' dak iż-żmien li għażlu lil Giuseppe Calì biex jagħmel dan ix-xogħol tal-arzella tad-daħla tal-kor. Wara kollox dan is-Santwarju tant għażiż għalina jixraqlu biss l-aħjar, għaliex huwa ddedikat lis-Sultana Tagħna tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.